**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq Il-Profs Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012
-----------------------------------------
**KUMITAT AMMINISTRATTIV IX-XLENDI**

**1.00 Laqgħa Numru KAX 17-2015**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis, 24 ta' Settembru 2015, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kumitat iltaqa' fis-5.42 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Mark Anthony Busuttil - *Chairperson.*
Is-Sur Patrick Grima - Membru.
Is-Sur Saviour Xiberras - Membru.

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużati kien hemm is-Sinjorina Charmaine Vella - Viċi *Chairperson* u s-Sinjura Joselle Camilleri - Membru.

1.04 Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fis-17 ta' Settembru 2015.

1. Approvazzjoni tal-Minuti.
2. Attivitajiet Sajf 2015.
3. Xogħlijiet fix-Xlendi.
4. Skema Inizjattivi Kulturali 2015-2018.
5. Rapport tas-Sindku.
6. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
7. Mistoqsijiet mill-membri.
8. Materji oħra.

1.05 Ġew approvati l-Minuti tal-laqgħa KAX 16-2015.

**2.00 Attivitajiet Sajf 2015.**

2.01 Iċ-*Chairperson* irrimarka li dwar l-Oktoberfest kien hemm kummenti pożittivi. Din kienet l-ewwel darba li ngħata permess li ssir attività bl-ikel u x-xorb fix-Xlendi. Din is-sena ma sarx il-*Water Fun Park* għax minflok saru lezzjonijiet tal-għawm lit-tfal. Is-Sur Patrick Grima rrimarka li s-sidien tal-istabbilimenti tal-ikel xtaqu li *bands* jiġu matul il-ġimgħa u mhux nhar ta' Sibt. Il-*bands* kienu mħallsa mit-Taqsima tal-Kultura u huma xtaqu li jsiru s-Sibtijiet bħalma jsir f'Marsalforn u l-Imġarr.
Kulħadd qabel li l-programm ta' dan is-sajf intgħoġob u kien l-aħjar programm ta' dawn l-aħħar snin.

**3.00 Xogħlijiet fix-Xlendi.**

3.01 Fix-Xlendi tpoġġew il-*planters*, bankijiet ta' materjal riċiklat u bankijiet tal-irħam għal max-xtajta.
Bdiet tinbena l-bankina ta' Triq ir-Rumani li qiegħda ssir minn ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex.

**4.00 Skema Inizjattivi Kulturali 2015-2018.**

4.01 Iċ-*Chairperson* issuġġerixxa li għas-sena 2016 isir *Festival* tal-Ħelu fix-Xlendi għal żmien l-*Easter*. Barra dan il-*festival*, il-Kumitat ser japplika wkoll għal Kalendarju ta' Attivitajiet għal matul is-sajf.

**5.00 Rapport tas-Sindku.**

5.01 L-iskola tal-għawm għadha kemm spiċċat u tqassmu ċertifikati lill-parteċipanti.
Sar tindif tat-toroq u l-bajja wara l-maltempata li saret fid-9 ta' Settembru 2015.
Il-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex bdew il-bankina ta' mal-pedistall tal-istatwa ta' Sant'Indrija. Is-Sindku ssuġġerit li jsiru erba' *bollards* u katina madwar. Il-Kumitat qabel ma' din il-proposta. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat li l-istima ser titla' għal madwar €500 jekk il-*bollards* isiru tal-ħadid fondut u bid-disinn ta' warda. Kien hemm qbil dwar dan.

**6.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat li d-Dipartiment tal-Agrikoltura nnutaw li fi Pjazza l-Anfori quddiem il-Lukanda St. Patrick's hemm xi palm li huma morda u ser iġibu Uffiċjali mill-Plant Health Directorate biex jiġi stabbilit jekk jingħatawx *treatment* jew diġà mejta.

6.02 Saret talba sabiex issir bankina ġdida quddiem *block flats* ġdid fi Triq iż-Żirżieb. Din it-talba ser tiġi rreferuta lit-Taqsima tas-CMU fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

6.03 Il-Kumitat irċieva ittra mingħand resident fi Triq ir-Rumani fejn qed tilmenta dwar siġra fil-privat li kibret ħafna u ħarġet fuq it-triq, li qed tkun ta' periklu. Iċ-*Chairperson* għandu jiċċekkja biex jara fl-liema proprjetà u ta' min hi.

6.04 Il-Kumitat irċieva *e-mail* mingħand il-Perit Ivana Farrugia dwar ir-restawr tal-istatwa ta' Sant'Indrija. Hija qiegħda tgħid li l-kuluri taż-żebgħa ma humiex dawk li xtaqet hi. Għaldaqstant, din l-*e-mail* ser tiġi rreferuta lill-persuni inkarigati mir-restawr.

**7.00 Mistoqsijiet mill-membri.**

7.01 Is-Sur Saviour Xiberras issuġġerixxa li ssir tabella fil-bokka tal-Wied tax-Xlendi, viċin il-Knisja tax-Xlendi, sabiex twissi lill-pubbliku li f'każ ta' xita dik il-parti fejn jiġu pparkjati l-karozzi joħroġ ħafna ilma, li jista' jkaxkar il-karozzi. Din it-tabella għandha ssir minn Transport Malta.

Huwa ssuġġerixxa li ssir lampa ġdida fi Triq l-Għar ta' Karolina. Huwa ser imur flimkiem maċ-*Chairperson* sabiex jaraw liema hi l-parti tat-triq li hija mudlama.

Is-Sur Xiberras staqsa jekk huwiex kompitu tal-Kumitat sabiex jagħmel il-Knisja tax-Xlendi aċċessibbli għal persuni b'diżabilità. Is-Sindku infurmatu li l-proprjetà hija privata. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah li r-Rettur qed jipprova jsib fondi sabiex isir *lift* fuq in-naħa tat-triq.

7.02 Iċ-*Chairperson* reġa' ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat dwar l-art ta' quddiem iċ-Churchill Bar & Restaurant peress li qiegħda jiżloq. Huwa ssuġġerixxa li jsir *tape* iżda ma kienx hemm qbil peress li t-*tape* xħin jixxarrab, jinqala'. Għaldaqstant, iċ-*Chairperson* ser imur fil-ħwienet u jġib stimi ta' madum li jkun adattat. Meta jinxtara mill-Kumitat, nitolbu lill-ħaddiema tas-CMU sabiex iwaħħluhom.

Iċ-*Chairperson* semma wkoll il-*platforms* li minn fuqhom jinżlu n-nies fil-baħar peress li qed jintlew bil-ħaxix u qed ikunu jiżolqu.

**8.00 Materji oħra.**

8.01 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.10 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 20 ta' Ottubru 2015, fil-5.00 ta' filgħaxija.

**Mark Busuttil**
***Chairperson.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***